# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Fl-Atti tal-Mandat t' Inibizzjoni Nru.: 115/2022/2 MH**

**Illum, 27 ta' Mejju, 2022**

**Fl-Ismijiet:**

**Sandra Pulis**

**vs**

**Kevin Degabriele**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Sandra Pulis fejn sintetikament talbet li minħabba l-mandat t' inibizzjoni hawn imsemmi ġie proviżorjament milqugħ u minħabba li l-intimat nonostante li ġie b'hekk inibit milli jkompli jiżvillupa l-propjeta' hemm indikata, mexa billi waħħal katusa ma l-iżvillup mertu ta' l-istess mandat, liema katusa għadda minn fuq il-propjeta' ta' l-istess rikorrenti, ukoll li dana kollu l-intimat għamlu fid-data ta' l-14 ta' Frar, 2022 meta ġia t-talba għal ħruġ tal-mandat kienet milqugħa b'mod proviżorju fis-26 ta' Jannar, 2022.

Konsegwentement talbet lil Qorti:

*"a tordna li dawn ix-xogħolijiet jiefqu minnufih;*

*b tieħu l-mizuri neċessarji w opportuni fosthom tad-disprezz lejn l-awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti."*

Rat ir-risposta ta' l-intimat Degabriele fejn kkontesta ir-ritwalita' tat-talba kif formulata kemm taħt l-artikolu 1003A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ukoll ai terminu ta' l-artikolu 873(4) ta' l-istess Kap. Fil-mertu jikkontesta dak allegat fuq nuqqas ta' provi ukoll fuq il-fatt li l-pajpijiet jekk saru ma jaqgħux xogħol ta' bini u kostruzzjoni.

Ikkonsidrat:

Tqies li fil-fatt dan il-mandat ġie milqugħ b'mod definittiv fit-18 ta' Frar, 2022. Ukoll li kif sewwa qalet ir-rikorrenti inħareġ digriet proviżorju fejn it-talbiet tal-mandat ġew milqugħa fis-26 ta' Jannar, 2022.

**A-** Il-Qorti se tibda biex teżamina t-tieni parti tat-tieni talba u tagħmel referenza għal artikolu 1003A tal-Kap 12.

L-intimat jressaq l-oġġezzjoni tiegħu n kwantu skontu t-talba taħt dan l-artikolu mhux waħda ritwali u skont il-liġi.

L-Art 1003A tal-Kap 12 jikkontempla il-proċedura ta' disprezz lejn il-Qorti. Dana jaqra :-
*"Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta` dan it-Titolu, f`kull procediment ghal disprezz lejn l-awtorità tal-qorti, ir-Registratur ghandu jibda, kif jigi ordnat mill-Qorti, il-procedimenti mehtiega u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi huwa ghandu jitqies bhala l-attur."*

Issir referenza għas-sentenza ta` din Qorti diversament preseduta mogħtija fil-25 ta` Settembru 2003 fil-kawża **Reġistratur tal-Qrati Superjuri vs Adrian Grima pro et noe** fejn ingħad hekk :–

*"Il-procediment tad-disprezz m`huwiex rimedju ghall-persuna li tkun talbet it-tehid tieghu, imma sanzjoni kontra min ikun gab b`idejh u b`ghemilu (jew bl-*

*omissjoni tieghu, skond il-kaz) ksur ta` ordni moghtija lilu. L-attur f`din il-kawza (u bil-procedura illi tfasslet ghal dan il-ghan fl-1995) qieghed huwa nnifsu jesegwixxi ordni moghtija lilu minn Qorti kompetenti biex jibda dawn il-proceduri. L-attur m`ghandu x`jirbah xejn b`tali proceduri ghajr li jizgura li tigi mharsa l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja ;*

*Fil-kaz ta` allegat ksur ta` ordni moghti fil-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni, wiehed isib dispozizzjoni espressa tal-ligi li tghid x`ghamla ta` sanzjoni jwassal mieghu l-ksur ta` ordni bhal dik. Izda dik is-sanzjoni taghti rimedju lill-parti li favur taghha jkun inhareg il-Mandat, u ghalhekk kull allegat ksur ta` dik l-ordni taghti lok ukoll ghat-tmexxija `l quddiem ta` proceduri kif mahsuba fit-Titolu XVII tal-Kap 12. Min-naha l-ohra, mal-medda tas-snin il-Qrati taghna stabilew minghajr tlaqlieq ta` xejn li min jinsab hati ta` ksur ta` ordni ta` Qorti moghti f`mandat ta` inibizzjoni jsir hati ta` disprezz lejn l-awtorita` taghha ukoll jekk ikun hekk agixxa ghal raguni li wiehed jista` jissimpatizza maghha jew fuq il-fehma li kellu xi jedd jagixxi kif agixxa. Dan il-principju jibqa` japplika wkoll fejn, wara, jirrizulta li l-mandat ta` inibizzjoni nnifsu jkun milqut minn difett li jaghmlu ma jiswiex, u sakemm tali mandat ma jkunx gie mhassar;*

*M`hemmx dubju li l-procediment ta` disprezz huwa wiehed ta` natura penali, ukoll jekk jiehdu s-sura ta` proceduri civili. Dan igib mieghu illi kull ma tghid il-ligi dwar dan l-istitut ghandu jithares skond il-kelma tal-ligi u l-ispirtu li jhares il-jeddijiet tal-"akkuzat" f`dak kollu li jista` jitqies ta` natura penali. Ghalhekk mhux permess li l-istitut tar-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti jitwessa` b`analogija, tixbieh jew tehid minn min ikun ta` inizzjativa li ma hix moghtija lilu mil-ligi. Kien minhabba f`hekk li l-bidliet fil-ligi procedurali fl-1995 stabilew min ghandu jedd jibda tali proceduri u f`liema cirkostanza, wara zmien twil fejn kien dibattut f`ghadd ta` sentenzi l-problema tal-agent legittimu ta` proceduri bhal dawn ;*

*Il-ligi tfisser min ghandu jibda proceduri ta` disprezz fl-artikolu 1003A tal-Kapitolu 12. F`dak l-artikolu persuna wahda ghandha din is-setgha u dik il-persuna m`hijiex individwu privat jew persuna li tallega li nkisrulha l-jeddijiet taghha. Dik il-persuna wahdanija moghtija s-setgha li tibda tali proceduri u li titqies bhala attur fihom hija r-Registratur tal-Qrati. Hemm modi kif persuna li thoss li sar kontra taghha ghamil li jista` jitqies bhala wiehed li jikkwalifika bhala disprezz lejn il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-Registratur biex jibda l-proceduri mehtiega"*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament preseduta tat-3 ta` Ottubru 2003 fil-kawża **Maria Baldacchino vs Edwin Pace** ingħad :–

*"Hekk fil-prezent l-Artikolu 1003A testwalment jiddisponi illi "bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta` dan it-titolu f` kull procediment ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti, ir- Registratur ghandu jibda, kif jigi ordnat mill-Qorti, il- procedimenti mehtiega u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi huwa ghandu jitqies bhala l-attur."*

Jinghad a propositu fis-sentenza fl-ismijiet *"**Avukat Irene Bonello –vs- Onor. Prim. Ministru et**",* Appell, 28 ta` Frar 1997 illi *"l-istitut li jirrigwarda r-rispett li ghandu jingieb lill- Qorti (Titolu XVII tal-Kap. 12) hu ta` natura penali u hu mahsub biex jassigura l-buon ordni u d-dekor fil-kondotta tal-procedura. Hu istitut li jimponi sanzjonijiet u pieni fuq minn jonqos mir-rispett lejn l-Awtorita` tal-Qorti. Il-parti leza hi allura l-Qorti u mhux xi wiehed jew wahda mill-kontendenti.";*

Għalhekk f`dawn l-proċeduri l-parti leża kellha tkun l-Qorti u mhux waħda mill-partijiet. *"Dan qed jigi sottolinejat biex tigi precizata n-natura ta` l-azzjoni taht ezami li kienet timporta l-apprezzament, da parti tal-Qorti, tac-cirkostanzi li fihom l-ordni taghha tkun giet volutament sfidata . . . Tali apprezzament kien jispetta lill-Qorti oltreggjata u kien biss eccezzjonalment li din il-Qorti, u wisq anqas xi parti in kawza, setghu jissindikawh u jiddisturbawh . . . Kienet dik il-Qorti li fil-konfront taghha jkun allegatament intwera disprezz li kellha tkun l-arbitru biex tiddeciedi mhux biss jekk tali disprezz kienx jezisti jew le, mhux biss jekk kien jezisti, kemm kien munit minn bl-intenzjoni li tigi oltreggjata l-awtorita` tal-Qorti, imma wkoll il-gravita` ta` tali oltragg." – "**Concetta Dimech –vs- Joseph Bonnici**", Appell, 9 ta` Frar 2001"*

Applikati dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali jirriżulta li l-azzjoni li tmexxi d-disprezz hija naxxenti minn proċess ġudizzjarju separat mill-atti ta' mandat ta' inibizzjoni. Bħala azzjoni hija kompletament indipendenti minnha. Għalhekk, għalkemm l-ordni allegatament trasgressa tal-Qorti hija waħda mogħtija minn din il-Qorti, ċioe, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni, u tinvolvi vertenza bejn partijiet privati, minn naħa l-oħra il-proċess maħsub ai terminu ta' l-artikolu 1003A tal-Kap 12 huwa wieħed t' indolu penali u prosegwit **biss** mir-Reġistratur tal-Qorti bħala attur.

Dan iġib miegħu ukoll il-konsegwenza illi l-detami ta' l-artikolu 1003A hawn applikabli trattando ta' regolament ta' natura proċedurali u allura wieħed li jolqot l-ordni pubblika, għandhom jiġu eseġwiti *ad ungem* u interpretati b'mod ristrettiv.

Tenut dana kollu issib illi it-tieni talba tar-rikorrenti hija waħda nfeliċi għal kollox tant li kif redatta hija għal kollox irritwali. Tali talba kellha tkun waħda li ssir biss ai terminu ta' l-artikolu 1003A imsemmi u mhux waħda li tistieden lil din il-Qorti

tgħaddi għad-disprezz. Hawn non si tratta ta' disprezz *in facie curiae* fejn il-Qorti tista' għar-raġunijiet anke ta' bon ordni fil-prosegwiment tal-kawżi tagħti dak l-ordnijiet neċessarji, imma kien jinħtieġ lir-rikorrenti jwassal lil Qorti biex a bażi ta' *prima facie* juriha li kien hemm raġunijiet biżżejjed biex hi tiddipartixxi ordni skont l-artikolu in operat u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jmexxi bi proċeduri ta' disprezz lejn l-ordni tagħha. Dan għalhekk jimplika kawża separata bi smiegħ ta' provi li jridu jwasslu sal-livell li trid il l-liġi dak sal-livell tal-probabli u oltre l-*prima facie* meħtieġ fl-atti kawtelatorji, biex jwassal għal kundanna tal-konvenut hawn intimat.

Konsegwentement it-tieni talba kif proposta sa fejn jikkonċerna l-ħruġ ta' disprezz hija miċħuda.

**B** - L-ewwel talba tar-rikorrenti hi waħda fejn il-Qorti ġiet mitluba li tordna lix-xogħolijiet jiefqu minnufih.

Anke f'dan ir-rigward il-Qorti terġa' tqies li dina hija waħda mhux ben redatta għax din l-ordni ġia ġiet dipartita darba li kien hemm l-ordni proviżorja u l-konsegwenti ħruġ ta' mandat t' inibizzjoni biex jiefqu x-xogħolijiet fil-fond *de quo*. **Degabriele Kevin huwa ġia ordnat** li jwaqqaf kwalunkwe xogħolijiet **oltre** l-ewwel data tad-digriet proviżorju u anke jekk jfallu t-talbiet tal-lum il-posizzjoni tiegħu xorta tibqa' waħda tenuta għax dan jiġi rifless fi provi fil-kawża propja. L-argument imressaq mill-intimat li hawn non si tratta ta' "*...xogħolijiet ta' kostruzzjoni u/jew xogħol ta' bini bi preġudizzju għall-esponenta*[1]*..*" u lil mgħodija, **jekk hu l-każ,** ta' katusa ma jaqgħax f'din l-ordni, huwa wieħed pwerili u ma jafx mis-sewwa.

**C** - Fl-aħħar nett il-Qorti ma tistax ikkonsidrat dak li ġie muri lilha dejjem a bażi ta' *prima facie* ukoll minħabba li ġiet mitluba tiehu l-miżuri neċessarji[2]**,** ma tagħmilx hawn referenza għal arikolu 873(4) tal-Kap 12 li jipprovdi:

"*Illi jekk jigi ppruvat permezz ta' rikors ghas-sodisfazzjoni tal-qorti li wara l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni l-persuna inibita issoktat fix-xoghol jew hatt bi ksur ta' l-ordni tal-qorti, il-qorti ghandha minghajr pregudizzju ghal kull azzjoni lilha kompetenti, fuq talba tar-rikorrent, tikkundanna lill-persuna li kontriha jkun inhareg il-mandat sabiex tirrimedja dak li ghamel bi ksur tieghu u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrent li jaghmel dawk ix-xoghlijiet kollha rimedjali li l-qorti tista' tordnalu jaghmel bi spejjez tal-persuna inibita.*".

[1] Fir-risposta tiegħu.
[2] L-ewwel parti tat-tieni talba.

Tara ukoll illi dan l-artikolu jitkellem ċar fuq ksur t'ordni ta' mandat t' inibizzjoni mhux waħda ta' natura proviżorja. Tqies ukoll li stante li hu wieħed ta' proċedura għandu jiġi interpretat b'mod ristrettiv. Tqies li hi marbuta mat-talbiet kif mressaq lilha u konsegwentement in vista lit-talbiet huma marbuta biss mad-digriet proviżorju, l-Qorti mhix se tmur oltre dan.

Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

Kull parti għandha tbati l-ispejjeż minnha nkorsi.

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**